MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 852/2007

**Dr. Anton Tabone LL.D. (ID 369167M) ghan-nom u in rapprezentanza ta' Milton H Dresner**

**vs**

**Montaigne Ventures Limited (C36804) u Dr. Renzo Porsella Flores u**
**PL Veronica Rossignaud nominati b'digriet tal-14 ta' Settembru 2007**
**bhala kuraturi deputati ghan-nom tal-assenti Pat Austin**
**(Passaport Irlandiz P 364785)**

**Il-Qorti**

## Preliminari

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu r-rikorrenti nomine ssottometta illi:

Illi l-konvenuti flimkien u solidalment bejniethom, jinsabu debituri ta' Milton H Dresner u Milton H Dresner Trust fis-somma ta' tlieta u sittin elf, tlett mija u disgha u tmenin Lira Maltin, tlieta u erbghin centezmu (Lm63,389.43) li jammontaw ghas-somma ta' mitejn elf dollaru amerikan (200,000 USD) konvertiti bir-rata ta' kambju ta' 3.1551 USD ghall-Lira Maltija, skond ir-rati tal-kambju tat-2 ta' Lulju 2007, liema somma flus giet mislufa lill-intimati mir-rikorrenti nomine bhala parti minn investiment illi l-istess intimati nomine kienu ser jaghmlu ghar-rikorrenti;

Illi, ai termini ta' ftehim iffirmat fis-16 ta' Settembru 2006, ir-rikorrenti nomine kellhom jghaddu s-somma ta' 100,000 USD lill-intimati nomine b'dan illi fis-16 ta' Dicembru 2006, dina s-somma kollha kellha tigi rifuza lir-rikorrenti flimkien mal-imghax;

Illi, sussegwentement, ai termini ta' ftehim datat 2 ta' Ottubru 2006, gie miftiehem illi ma' tali somma tizdied is-somma ta' 80,000 USD li, flimkien mas-somma fuq indikata u 20,000 USD illi l-konvenuti ga kellhom fil-pussess taghhom, jammontaw globalment ghall-200,000 USD, u b'tali somma l-attur jinvesti fis-socjeta' konvenuta;

Illi, eventwalment, l-attur nomine ried johrog minn tali nvestiment u talab ir-rifuzjoni ta' flusu, liema rifuzjoni allegatament saret mill-konvenut nomine permezz ta' *wire transfer*, kif jidher fil-korrispondenza taghhom hawn annessa u mmarkata Dok K.

Illi, tali flejjes, madanakollu, qatt ma waslu ghand l-attur nomine;

Illi, l-intimati gew interpellati diversi drabi sabiex jghaddu tali flejjes izda minkejja tali nterpellanza da' parte tar-rikorrenti, l-intimati baqghu inadempjenti;

Peress illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ai termini tal-Artikolu 167(1) (b) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, stante illi l-intimati ma ghandhomx difiza xi jressqu kontra t-talbiet segwenti:-

Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex ma ghandiex dina l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddeciedi t-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili;

2 Tiddikjara illi l-intimati kienu moruzi fil-pagament tas-somma ta' tlieta u sittin elf, tlett mija u disgha u tmenin Lira Maltin, tlieta u erbghin centezmu (Lm63,389.43) li jammontaw ghas-somma ta' mitejn elf dollaru amerikan (200,000 USD) konvertiti bir-rata ta' kambju ta' 3.1551 USD ghall-Lira Maltija, skond ir-rati tal-kambju tat-2 ta' Lulju 2007;

3. Tikkundanna lill-intimati in solidum sabiex ihallsu l-ammont ta' tlieta u sittin elf, tlett mija u disgha u tmenin Lira Maltin, tlieta u erbghin centezmu (Lm63,389.43) dovuti mill-intimati lir-rikorrenti u mhux imhallsa;

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Lulju 2007 u tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 981/07 u tal-Kuraturi mqabbda sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Pat Austin, u bl-imghax ai termini tal-artikolu 26A tal-Kodici tal-Kummerc, kontra l-intimati, li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-**risposta ta' l-intimati** a fol. 49 tal-process fejn eccepew:

Illi huma ma jafu xejn dwar il-fatti li waslu ghall-kawza izda qed jaghmlu hilithom biex jigbru t-taghrif mehtieg ghalbiex it-talbiet attrici jkunu kontestati.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat l-affidavit ta’ Antón Tabone;

Rat li s-socjeta’ intimata debitament notifikata ma deheritx;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati;

Fic-cirkostanzi u fin-nuqqas ta’ kontestazzjoni, billi t-talba tar-rikorrenti tidher li hija gustifikata

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
tiddikjara illi l-intimati kienu moruzi fil-pagament tas-somma ta’ tlieta u sittin elf, tlett mija u disgha u tmenin Lira Maltin, tlieta u erbghin centezmu (Lm63,389.43) li jammontaw ghas-somma ta’ mitejn elf dollaru amerikan (200,000 USD) konvertiti bir-rata ta’ kambju ta’ 3.1551 USD ghall-Lira Maltija, skond ir-rati tal-kambju tat-2 ta’ Lulju 2007;
Tikkundanna lill-intimati in solidum sabiex ihallsu l-ammont ta’ tlieta u sittin elf, tlett mija u disgha u tmenin Lira Maltin, tlieta u erbghin centezmu (Lm63,389.43) dovuti mill-intimati lir-rikorrenti u mhux imhallsa;
Bl-ispejjez kontra l-intimati
U bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------